**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2001

**Numru 9**

**Avviz. numru 8/01JR**

**Oreste Sammut**

**vs**

**Paola Mifsud u b'degriet tat-2 ta' Frar, 2001, isem il-konvenut gie mibdul ghal Paul u Josephine konjugi Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175.00), rapprezentanti senserija dovuta lill-attur wara bejgh u trasferiment tal-fond No.1, Family Flats, Quarry Street, Msida.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-2 ta' Frar, 2001, fejn intqal:**

1. illi preliminarjament it-talba kif prezentata ghandha tigi korretta peress illi l-konvenuta ma jisimhiex Paola izda Josephine Mifsud;
2. Illi minghajr pregudizzju, in-nullita` ta' dawn il-proceduri stante illi l-bejgh tal-fond de quo sar kemm minn Josephine Mifsud kif ukoll minn Paul Mifsud, u kwindi t-talba kellha ssir fil-konfronti tal-konjugi Mifsud;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ebda somma bhala senserija m'hi dovuta lill-attur u dan peress li l-attur ma ppresta servizzi ta' senserija fil-bejgh tal-fond in kwistjoni;
4. Illi s-sensar kien certu wiehed Emanuel Farrugia;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta' Oreste Sammut, Edward Farrugia, Paul Mifsud, u Emanuel Debono. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz qed isir ghall-hlas ta' senserija fuq il-bejgh u trasferiment tal-fond No.1, Family Flats, Quarry Street, Msida.

2. Mix-xhieda mismugha jirrizulta li kien hemm zewg persuni involuti fin-negozjati. Fl-ewwel lok kien imdahhal Edward Farrugia, haten il-konvenut. Dana kien gie kkuntattjat mill-kompratur wara avviz li kien deher fil-

**gazzetta. Fit-tieni lok kien dahal fin-negozjati l-attur, iz-ziju tar-rispett tal-kompratur.**

3. **Jirrizulta li ghalkemm Farrugia kien wriehom il-fond ma kienux waslu ghall-ftehim. Jirrizulta li jidher li waslu ghall ftehim meta intervjana l-attur. Il-problema dwar in-nuqqas ta' ftehim jidher li kienet biss tirrigwarda il-prezz, b'differenza ta' elf lira bejn dak li ried il-konvenut u dak li gie kuntrattat.**

4. **Jirrizulta li sabiex juru li waslu ghall-ftehim il-partijiet kienu ffirmaw karta, Dok. A, datata 24 ta' Frar, 2000. Din kienet giet iffirmata ukoll mill-attur. Wara kien sar konvenju ghand in-Nutar Schembri Adami, u sussegwentement sar il-kuntratt. Fid-Dok. A hemm specifikat li s-senserija tkun bejn tnejn. Skond ma xehed Debono, l-attur kien kellem lill-konvenut sabiex jippruvaw jaslu ghall-prezz.**

5. **Jidher li kien hemm xi disgwit meta Farrugia ried li s-senserija jehodha hu. Skond Farrugia ftehmu li jiehu s-senserija hu. Fil-fatt jidher li l-kompraturi kienu hallsu lil Farrugia s-senserija.**

6. **Pero` jidher li l-attur kien tassew il-fattur determinanti sabiex dan in-negozju isehh. Kien hu li wassalhom fuq il-prezz. Il-fatt li giet iffirmata skrittura, Dok.A, ghandhu jinghata l-piz tieghu fis-sens li jindika li f'dak il-**

**mument il-konvenut kien qed jaccetta li s-senserija tithallas ukoll lill-attur. Ma ngiebet ebda prova dwar xi irregolarita` fl-iskrittura esebita. Il-fatt illi dik l-iskrittura giet iffirmata kemm mill-partijiet kif ukoll mill-attur, u li fiha qed jigi dikjarat li s-senserija tinqasam bejn it-tnejn, issahhah t-tezi li tassew kien hemm senserija dovuta lill-attur.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' mija hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**